C/2025/2724

8.5.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11896 — CARNIVAL / RCCL / MSC / GBSY JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2724)

1. Fit-28 ta' April 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Carnival Corporation ("Carnival", il-Panama), parti minn Carnival Corporation & plc (l-Ingilterra u Wales),

— Royal Caribbean Cruises Ltd. ("RCCL", il-Liberja),

— MSC Cruises SA ("MSC Cruises", l-Iżvizzera), ikkontrollata minn MSC Mediterranean Shipping Company Holding SA (l-Iżvizzera),

— Grand Bahamas Shipyard Ltd. ("GBSY", il-Bahamas), ikkontrollata b'mod konġunt minn Carnival u RCCL.

Carnival, RCCL u MSC Cruises se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' GBSY.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Carnival huwa parti mill-akbar kumpanija globali tal-krużieri u fost l-akbar kumpaniji tal-ivvjaġġar għad-divertiment,

— RCCL hija kumpanija azzjonarja globali tal-krużieri li topera krużieri oċeaniċi taħt tliet ditti bi sjieda sħiħa, Royal Caribbean International, Celebrity Cruises, u Silversea Cruises. Hija għandha wkoll sehem ta' 50 % ta' impriża konġunta li topera d-ditti Ġermaniżi TUI Cruises u Hapag-Lloyd Cruises,

— MSC Cruises hija parti minn negozju globali involut fit-trasport u l-loġistika,

— GBSY hija impriża konġunta eżistenti b'funzjoni sħiħa li topera faċilità għat-tiswija tal-bastimenti fil-port ta' Freeport, il-Bahamas.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11896 — CARNIVAL / RCCL / MSC / GBSY JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË